MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-13 ta' Awwissu, 2009

Appell Kriminali Numru. 28/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mario Camilleri**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-21 ta’ Jannar 2009. L-appellant Mario Camilleri (bin Anthony u Mary nee Giordmaina, imwieled fit-8 ta’ Awwissu 1969, detentur tal-karta tal-identita` nru 345569M) tressaq b’arrest fl-14 ta’ Novembru 2003 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli (***i***) fit-13 ta’ Novembru 2003 ghall-habta tal-10.20 ta’ filghodu flimkien ma’ persuna ohra mhux maghrufa, mill-fond nru 34, Triq San Guzepp, Hal-Tarxien, ikkommetta serq ta’ flus kontanti u oggetti tad-deheb ghad-dannu ta’ Provvidenza Buontempo, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz, valur li jeccedi l-elf lira u lok; (***ii***) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel

hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tal-istess Provvidenza Buontempo, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri izda ma tiskorrix il-hamsin lira; (***iii***) fl-istess data, hin lok u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew, xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom; (***iv***) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq vettura tal-ghamla Subaru bin-numru tar-registrazzjoni BAK424 b'manjiera perikoluza, negligenti u b'sewqan aktar milli jmissu; u (***v***) li sar recidiv skond l-Artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kap. 9.

**2.** Bis-sentenza taghha li issa qed tigi appellata, il-Qorti Inferjuri sabet lill-imsemmi Mario Camilleri hati skond l-ewwel imputazzjoni (minghajr, pero`, il-kwalifika tal-vjolenza), tar-raba' imputazzjoni u tal-hames imputazzjoni, izda lliberatu mit-tieni u mit-tielet imputazzjonijiet, ikkundannatu ghall-piena ta' tliet (3) snin prigunerija, ordnat is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghal periodu ta' sena, kif ukoll ordnat lill-imsemmi Camilleri jhallas l-ispejjez kollha "inkluzi f'perizji f'dan il-kaz".

**3.** B'rikors prezentat fit-2 ta' Frar 2009, Mario Camilleri appella minn din is-sentenza. L-appell tieghu hu limitat ghall-piena, u l-aggravji huma tnejn. L-ewwel aggravju hu maghmul jikkonsisti filli l-ewwel qorti applikat hazin l-Artikolu 289 tal-Kodici Kriminali. Skond l-appellant, galadarba din ir-recidiva skond l-imsemmi Artikolu 289 hija bbazata fuq sentenza, moghtija fil-konfront tieghu, tal-4 ta' Marzu 1998 fejn huwa kien instab hati biss ta' <u>tentattiv</u> ta' serq huwa ma setax issa jitqies bhala recidiv fit-termini tal-precitat Art. 289. Skond l-appellant ir-recidiva specjali tas-serq tapplika biss meta jkun hemm reat kunsmat u mhux meta jkun hemm biss tentattiv ta' serq. It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena b'mod generali. Hu jillanja li, minkejja l-fedina penali tieghu, huwa kellu jinghata piena "alternattiva" f'dan il-kaz. Jghid ukoll li in vista tal-fatt li ghandu familja, "il-piena ta' prigunerija inflitta fuqu aktar hemm cans li tkun ta' dannu milli ta' gid".

**4.** Kwantu ghall-ewwel aggravju din il-Qorti ma tistax tikkondividi t-tezi tal-appellant. L-Artikolu 289 jipprovdi ghal recidiva specjali – differenti mir-recidiva generali kontemplata fl-Artikoli 49, 50 u 53 tal-istess Kodici – meta si tratta ta' reati ta' serq, cioe` r-reati ta' serq ikkwalifikat jew ta' serq semplici (inkluz serq ta' ilma, gass jew kurrent elettriku), serq tal-uzu, pussess ta' hwejjeg misruqa (Art. 286), pussess mhux gustifikat (Art. 287) u *furto d'uso* (Art. 288). Id-disposizzjoni relattiva (is-subartikolu (1) tal-Art. 289) taqra hekk: ***Fil-kazijiet ta' recidiva <u>fid-delitti msemmijin f'dan is-subtitolu</u>, il-piena tista' tizdied, fil-kaz tat-tieni kundanna, bi grad jew tnejn, u fil-kaz tat-tielet kundanna jew ohrajn warajha, minn grad sa tliet gradi*** (sottolinear ta' din il-Qorti). Fil-fehma tal-Qorti il-legislatur hawn qed jirreferi ghar-reati fil-forma ideologika taghhom u bhala reati "della stessa indole"[1], u ghalhekk indipendentement mill-mod kif jikkonkretizzaw ruhhom f'kaz partikolari dawn ir-reati (ez. bhala serq ikkwalifikat u kif ikkwalifikat, jew bhala *furto d'uso*), kif ukoll indipendentement mit-tip jew grad ta' partecipazzjoni tal-hati f'dak ir-reat (cioe` jekk hux bhala awtur jew komplici, jew, illum, wara l-emenda tal-2002, fi grad ta' assocjazzjoni skond l-Artikolu 48A) u indipendentement mill-grad li fih ikun twettaq ir-reat (kunsmat jew semplicement tentat). Bhalma fil-kaz tar-recidiva generali taht l-Artikoli 49, 50 u 53 dak li qed jigi effettivament identifikat u kolpit hija l-propensita` tal-hati li jikser il-ligi, indipendentement minn jekk hux il-kaz ta' reat kunsmat jew tentat[2], jew ta' komplicita` jew ta' assocjazzjoni, fil-kaz tal-Artikolu 289 dak li l-legislatur ried li jigi identifikat u punit hija l-propensita` tal-hati li jikkommetti reati tat-tip imsemmija fis-Sub-titolu I tat-Titolu IX tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali, u ghalhekk ukoll indipendentement minn jekk hux il-kaz ta' reat kunsmat jew tentat, jew ta' komplicita` jew ta' assocjazzjoni. Sinifikanti huwa l-kumment tal-gurista Francesco Antolisei

---

[1] Fil-kodici penali Taljan, ir-recidiva hija aggravata, fost ohrajn, meta r-reat il-gdid ikun "della stessa indole" – articolo 99§1.

[2] Fil-kaz tar-recidiva kontemplata fl-Artikolu 53 huwa evidenti li ma jistax ikollok, bhala regola, il-figura tat-tentattiv minhabba dak li jipprovdi s-subartikolu (2) tal-Artikolu 41 tal-Kap. 9. Hekk ukoll, l-assocjazzjoni ("conspiracy") hija limitata ghad-delitti – Art. 48A(1) tal-Kap. 9.

fir-rigward tal-kuncett ta’ reat “della stessa indole” (articolo 101, CP):

**“A nostro modo di vedere, siccome si tratta di un requisito che e` preso in considerazione dalla legge al fine di stabilire la capacita` a delinquere del reo, i reati per considerarsi omogenei debbono essere manifestazione di un medesimo impulso delittuoso: debbono, in altre parole, *rivelare un’identica tendenza criminale*. Solo quando cio` si verifica, infatti, e` possibile riscontrare tra i vari reati un nesso comune che e` significativo per la valutazione della personalita` dell’agente. In conseguenza riteniamo, fra l’altro, che la stessa indole debba escludersi non solo tra i delitti e le contravvenzioni, ma anche fra i delitti dolosi e i delitti colposi.”** [3]

Ghalhekk kienet perfettament korretta l-ewwel qorti meta rriteniet li, minhabba s-sentenza tal-4 ta’ Marzu 1998 l-appellant, allura imputat, kellu jitqies recidiv fit-termini tal-Artikolu 289. Konsegwentement dana l-ewwel aggravju qed jigi respint.

**5.** Kwantu ghat-tieni aggravju, cioe` dak dwar il-piena, ftit li xejn hemm xi tghid. Il-fedina penali aggornata tal-apellant, ezibita mill-Avukat Generali quddiem din il-Qorti fl-udjenza tal-24 ta’ Lulju 2009, turi zieda sostanzjali fuq il-kopja tal-istess fedina ezibita mal-bidu tal-kumpilazzjoni. Dan juri li l-appellant, minkejja li kellu dan il-kaz pendenti, xejn ma habbel rasu li jkompli jikser il-ligi. Tenut kont ta’ dan kollu, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha b’xi mod tiddisturba l-piena erogata mill-Qorti Inferjuri.

**6.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Tidderigi lir-Registratur sabiex jassigura li l-multi u ammendi kollha li l-appellant gie kkundannat ihallas, skond kif jirrizulta mill-fedina penali ezibita, jigu migbura jew altrimenti konvertiti fi prigunerija jew detenzjoni skond il-ligi.

---

[3] **Manuela di Diritto Penale – Parte Generali** Giuffre` (Milano), 1989, p. 577. Il-punt sollevat f’dan il-bran fir-rigward tal-kontravvenzjonijiet u r-reati doluzi u kopluzi huwa indirizzat fil-ligi taghna fl-Artikoli 53 u 52 rispettivament tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------